**Emenda 37**
**Marc Botenga**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0343/2023**
**Christian Ehler**
Qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti)
(COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) is-sostenibbiltà ambjentali li ***tmur*** lil hinn mir-rekwiżiti minimi fil-leġiżlazzjoni applikabbli; | (a) is-sostenibbiltà ambjentali ***u dik soċjali*** li ***jmorru*** lil hinn mir-rekwiżiti minimi fil-leġiżlazzjoni applikabbli***, inklużi l-kriterji tal-kwalità tal-impjiegi, il-mekkaniżmi maħsuba biex jinċentivaw apprendistati ta' kwalità, miżuri biex itejbu d-diversità fuq ix-xogħol kif ukoll ir-rispett tal-ftehimiet kollettivi u d-dritt tat-trade unions li jinnegozjaw***; |

Or. en

16.11.2023 A9-0343/38

**Emenda 38**
**Marc Botenga**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0343/2023**
**Christian Ehler**
Qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti)
(COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Il-Pjattaforma għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura ***l-immaniġġjar*** u l-ipproċessar sikuri ta' informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva. | 9. Il-Pjattaforma għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura ***t-trasparenza tal-attivitajiet tagħha. F'każijiet eċċezzjonali, meta rilevanti, tista' tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura t-trattament*** u l-ipproċessar sikuri ta' informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva. |

Or. en



Magħquda fid-diversità

16.11.2023 A9-0343/39

**Emenda 39**
**Marc Botenga**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0343/2023**
**Christian Ehler**
Qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti)
(COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***11. Il-Pjattaforma għandha tikkoordina u tikkoopera mal-alleanzi industrijali eżistenti.*** | ***imħassar*** |

Or. en

16.11.2023 A9-0343/40

**Emenda 40**
**Marc Botenga**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0343/2023**
**Christian Ehler**
Qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti)
(COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 11. Il-Pjattaforma għandha tikkoordina u tikkoopera ***mal-alleanzi industrijali eżistenti***. | 11. Il-Pjattaforma għandha tikkoordina u tikkoopera ***mat-trade unions, l-organizzazzjonijiet ambjentali u l-komunitajiet lokali***. |

Or. en



Magħquda fid-diversità